**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Settembru, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 505/2021**

***ADRIAN CAMENZULI***

***VS.***

***MITUL DAVE U ALPHARIZE MANAGEMENT LIMITED (C78168)***

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet kollha ta' Adrian Camenżuli sabiex il-konvenuti jagħtuh il-vettura *Range Rover Evoque*, bin-numru ta' reġistrazzjoni ARM 101 għall-prezz ta' €20,000; jew jekk dan ma jistax isir, sabiex il-konvenuti jħallsuh tal-qligħ li tilef u tal-ispejjeż li laħaq ħareġ;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fis-**<u>26 ta' Mejju, 2021</u>**, l-attur fisser li fid-29 ta' Marzu, 2021, il-konvenuti kienu qablu li jbiegħulu l-vettura *Range Rover Evoque*, bin-numru ta' reġistrazzjoni ARM 101, għall-prezz ta' €20,000. Skont l-attur, kien jifdal biss li l-konvenuti jgħarrfuh dwar fejn kellu jsir il-ħlas hawn fuq imsemmi u li huma jgħaddulu l-vettura inkwistjoni. Madankollu, għalkemm skont l-attur kien seħħ il-bejgħ, il-

konvenuti baqgħu jiċħdu li jgħaddulu l-vettura u milli jiġbru l-prezz miftiehem. Għalhekk, l-attur jgħid li huwa kellu jiftaħ din il-kawża fejn talab lill-qorti:

*«1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi seħħ il-bejgħ mill-intimat/i lir-rikorrenti tal-vettura Range Rover Evoque, bin-numru ta' reġistrazzjoni ARM-101, għall-prezz ta' għoxrin elf ewro (€20,000);*

*2. Tordna lill-intimat/i sabiex fi żmien qasir u perentorju mogħti minn din l-Onorabbli Qorti, jikkonsenjaw lir-rikorrenti l-vettura Range Rover Evoque, bin-numru ta' reġistrazzjoni ARM-101, fil-kundizzjoni u skont il-kwalità miftiehma;*

*3. Kemm-il darba matul il-każ jirriżulta li l-vettura ma tistax tiġi kkunsinnata skont il-kwalità mwegħda, tillikwida l-prezz li biha għandha tiġi mirċieva l-vettura fuq stima ta' periti tenut kont il-kundizzjoni tagħha, inkella, jekk jirriżulta illi l-vettura premessa ma tistax tiġi kkunsinnata kif mitlub, tillikwida d-danni dovuti lir-rikorrenti minħabba l-fatt illi l-kunsinna mitluba fit-tieni talba ma tistax issir, liema danni fiż-żewġ każijiet għandhom jinkludu l-ispejjeż u t-telf ta' qligħ;*

*4. Fi kwalunkwe każ, tiddikjara li kwalunkwe danni hekk likwidati huma responsabbli għalihom l-intimat/i versu r-rikorrenti, u tikkundanna lill-intimat/i iħallsu lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati, li jinsabu minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

3. Il-konvenuti ppreżentaw it-tweġiba maħlufa tagħhom fit-**<u>22 ta' Ġunju, 2021</u>**, u fiha huma ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi preliminarjament isem l-intimat mhuwiex "Miltul" iżda "Mitul" u għalhekk ikun opportun illi ssir korrezzjoni fl-okkju ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi preliminarjament, l-intimat Mitul Dave mhuwiex il-leġittiimu kontradittur għall-ilmenti u pretensjonijiet tal-attur u dan stante li l-vettura mertu tal-kawża odjerna mhijiex u qatt ma kienet proprjetà ta' Mitul Dave u hija l-kumpannija Alpharize Management Limited li kienet il-proprjetarja tal-vettura inkwistjoni, ta' liema kumpannija Mitul Dave huwa direttur;*

*3. Illi dwar il-mertu u għal kull fini s-soċjetà intimata tisħaq illi l-vettura mertu tal-kawża ġiet mibjugħa lil terzi u għalhekk it-talbiet numru 1 u 2 ma jistgħux jintlaqgħu;*

*4. Illi l-intimati jeċċepixxu illi mhuwiex minnu li qatt kien hemm ftehim bejn ir-rikorrenti u l-intimati jew min minnhom dwar "l-oġġett u l-prezz". Li ġara kien biss li kien hemm diskussjoni bejn Mitul Dave u l-attur dwar il-possibiltà li l-vettura tinbiegħ. Għalhekk, kuntrarjament għal dak li qed isostni l-attur, qatt ma ġie pperfezzjonat il-bejgħ tal-vettura Range Rover Evoque bin-numru ta' reġistrazzjoni ARM 101. Inoltre, u f'kull każ, Mitul Dave kien spjega biċ-ċar lill-attur illi l-bejgħ seta' biss jiġi awtorizzat b'riżoluzzjoni tal-bord tad-diretturi u għalhekk, Mitul Dave ma setax, fil-vesti personali tiegħu, jorbot lill-eċċipjenti l-oħra Alpharize Management Limited. Għalhekk, intqal x'intqal bejnu u bejn l-attur, qatt ma seta' jkun hemm ftehim vinkolanti li jorbot lil Alpharize Management Limited;*

*5. Illi f'kull każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost u subordinatament, sabiex isir bejgħ ta' vettura, hemm neċessità li jkun iffirmat il-logbook tal-karozza flimkien mar-reġistrazzjoni tal-bejgħ ma' Transport Malta. L-intimati jsostnu illi ladarba hemm il-ħtieġa ta' dawn il-formalitajiet, vettura ma għandhiex titqies mibjugħa ħlief meta tiġi kompletata tali proċedura. In vista tal-fatt li fil-każ odjern lanqas biss kien hemm qbil verbali bejn il-partijiet, ċertament ma seħħx il-bejgħ;*

*6. Ilili mingħajr preġudizzju għas-suespost u subordinatament, il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, kif ukoll huma kontestati bis-sħiħ u għandhom jiġu ppruvati;*

*7. Illi qabel xejn, mill-atti fattwali Adrian Camenżuli jeħtieġ li juri li bħala "Tied Insurance Intermediary" fil-qasam tal-vetturi huwa intitulat li jagħmel negozju mill-vetturi tal-klijenti;*

*8. Illi ma hemm ebda responsabbiltà għal xi danni kif qed jippretendi l-attur fil-kawża;*

*9. Illi f'kull każ, kwalunkwe dannu pretiż jeħtieġ illi jiġi pruvat u kwantifikat;*

*10. Salv eċċezzjonijiet oħra permessibbli mil-liġi;*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.»*

4. Flimkien mar-rikors maħluf tiegħu, Adrian Camenżuli ddepożita taħt l-awtorità tal-qorti s-somma ta' €20,000, bħala l-prezz tal-vettura inkwistjoni (ara kopja taċ-ċedola ta' depożitu f'paġna 33 tal-atti tal-kawża);

5. Fl-ewwel seduta tat-**<u>28 ta' Ġunju, 2021</u>**, il-qorti laqgħet it-talba tal-attur sabiex bit-tħaddim tal-**artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, isem il-konvenut jiġi kkoreġut għal "Mitul Dave". B'hekk ġiet imwettqa l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti kif juri l-okkju ta' din is-sentenza;

6. Il-partijiet għalqu l-provi kollha tagħhom fis-seduta tat-**<u>22 ta' April, 2022</u>**;

7. L-attur ressaq is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub fis-6 ta' Mejju, 2022, filwaqt li l-konvenuti ressqu s-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom fil-11 ta' Awwissu, 2022;

8. Din il-qorti wara li ħadet qies tal-provi u tas-sottomissjonijiet kollha mressqa f'din il-kawża, tinsab f'qagħda li tgħaddi għal din is-sentenza;

***Fatti***

9. L-attur Adrian Camenżuli jaħdem bħala *tied insurance intermediary*. Fil-5 ta' Frar, 2021, il-konvenut Mitul Dave, li huwa wieħed mid-diretturi tal-kumpannija Alpharize Management Limited, mar fl-uffiċju tal-attur sabiex iġedded l-assikurazzjoni tal-vettura *Range Rover Evoque*, li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni ARM 101. Dak iż-żmien, din il-vettura kienet proprjetà tal-kumpannija konvenuta Alpharize Management Limited (ara ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni f'paġni 58 u 59 tal-atti tal-kawża);

10. Fl-istess ġurnata l-konvenut Mitul Dave għarraf lill-attur li l-kumpannija konvenuta kienet qiegħda tfittex li tbiegħ il-vettura msemmija u l-attur kien qabel li jagħtih l-għajnuna tiegħu sabiex jinsab il-bejgħ tagħha;

11. Wara ftit ġimgħat, preċiżament fid-29 ta' Marzu, 2021, Mitul Dave reġa' żar l-uffiċċju tal-attur sabiex iħallas il-liċenzja u jġedded l-assikurazzjoni tal-karozza privata tiegħu. Dakinhar huma reġgħu tkellmu dwar il-bejgħ tal-vettura *Range Rover Evoque*, bin-numru ta' reġistrazzjoni ARM 101. Skont l-attur Adrian Camenżuli, dakinhar, hu u l-konvenut Mitul Dave laħqu ftehim biex huwa jixtri l-vettura hawn fuq imsemmija għall-prezz ta' €20,000. Min-naħa l-oħra, Mitul Dave jiċħad dan kollu u jisħaq li l-ftehim kien suġġett għall-awtorizzazzjoni li setgħet tiġi mogħtija biss b'riżoluzzjoni mill-kumpannija konvenuta;

12. Minkejja d-diskors li sar bejn Adrian Camenżuli u Mitul Dave fid-29 ta' Marzu, 2021, wara riżoluzzjoni meħuda mill-azzjonisti tal-kumpannija konvenuta Alpharize Management Limited fil-5 ta' April, 2021, l-istess kumpannija biegħet il-vettura tat-tip *Range Rover Evoque* lil Marilyn Saliba;

13. Ftit inqas minn xahrejn wara li saret din id-diskursata bejn l-attur u l-konvenut Dave, preċiżament fis-26 ta' Mejju, 2021, infetħet din il-kawża;

***Konsiderazzjonijiet***

14. Din hija kawża fejn l-attur Adrian Camenżuli qiegħed jisħaq li fid-29 ta' Marzu, 2021, hu u l-konvenut Mitul Dave kien qablu fuq il-bejgħ tal-vettura tal-għamla *Range Rover Evoque* għaliex huma kienu ftiehmu, kemm dwar il-ħaġa li kellha tgħaddi għand l-attur (*viz*. il-vettura) u kif ukoll dwar il-prezz li kellu jitħallas sabiex il-vettura tgħaddi għand l-attur. Huwa jsostni li l-konvenuti baqgħu ma għaddewlux din il-vettura u spiċċaw biex biegħuha lil ħaddieħor, minkejja li mal-allegat ftehim huwa kien sar is-sid tal-vettura;

15. Għalhekk huwa qiegħed jitlob li l-konvenuti jiġu kkundannati jgħaddulu l-vettura msemmija, u f'każ li dan ma jkunx possibbli, li huma jħallsuh għad-danni li ġarrab għaliex huwa kien diġà sab il-bejgħ tagħha lil ċertu wieħed Jason Vella għall-prezz ta'

€36,000 (ara x-xiehda ta' Jason Vella f'paġna 31 tal-atti tal-kawża), u għalhekk spiċċa biex bata telf ta' qligħ fl-ammont ta' €16,000;

16. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-konvenuti jiċħdu li kien intlaħaq ftehim mal-attur Camenżuli dwar il-bejgħ tal-vettura inkwistjoni għal diversi raġunijiet, fosthom: (i) li qatt ma kien hemm qbil bejn l-attur u l-konvenut Dave dwar il-bejgħ tal-vettura għaliex dan tal-aħħar kien spjega biċ-ċar lill-attur li l-bejgħ seta' jsir biss wara li jiġi awtorizzat b'riżoluzzjoni tal-bord tad-diretturi tal-kumpannija konvenuta; (ii) li sabiex isir il-bejgħ ta' vettura jeħtieġ li jiġi ffirmat iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura – ħaġa li f'dan il-każ ma seħħitx; u (iii) li l-attur jeħtieġlu juri li bħala *Tied Insurance Intermediary* fil-qasam tal-vetturi, huwa jinsab intitolat li jagħmel negozju mill-vetturi tal-klijenti tiegħu;

17. Il-konvenuti ressqu wkoll eċċezzjoni ta' xejra preliminari (**<u>it-tieni eċċezzjoni</u>**) fejn huma jgħidu li l-konvenut Mitul Dave mhuwiex kontradittur leġittimu għat-talbiet imressqa mill-attur għaliex il-vettura mertu tal-kawża mhijiex, u qatt ma kienet proprjetà tiegħu. Jgħidu li l-vettura kienet biss proprjetà tal-kumpannija konvenuta, li tagħha Mitul Dave huwa direttur u għalhekk huwa ma jweġibx għat-talbiet tal-attur;

18. Il-qorti tqis li sabiex jiġi determinat jekk Mitul Dave huwiex kontradittur leġittimu għat-talbiet ta' Adrian Camenżuli, il-prova li kellu jagħmel l-attur hija waħda fuq bażi *prima facie* għaliex id-determinazzjoni ta' min hu kontradittur leġittimu ssir mingħajr preġudizzju għad-determinazzjoni tat-talbiet attriċi fil-mertu (ara ***Charlayne Josephine Mintoff v. Jason George Mintoff et***, Appell Superjuri, 26 ta' Jannar, 2022);

19. Biex tiddeċiedi jekk parti f'kawża hijiex il-kontradittur leġittimu tal-parti l-oħra jew le, il-qorti trid tistħarreġ jekk, mad-daqqa t'għajn, dik il-parti kinitx materjalment parti fil-ġrajjiet li jkunu ħolqu r-rabta ġuridika ta' bejniethom, u li wasslu biex jinħolqu r-rabtiet jew effetti fuq il-parti konvenuta illi kellha twieġeb għalihom. Dan jgħodd kemm f'azzjonijiet mibnija fuq rabtiet kuntrattwali u kif ukoll fuq dawk imsejsa fuq ħtija akwiljana (ara ***Karmenu Mifsud v. Onorevoli Ministru għall-Infrastruttura, Trasport***

***u Komunikazzjoni et v. Onorevoli Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et***, Appell Superjuri, 7 ta' Jannar, 2020);

20. Il-ħtieġa li l-att ġudizzjarju jitressaq kontra l-persuna t-tajba li jmissha twieġeb għall-pretensjonijiet attriċi mhijiex xi kapriċċ maħsub biex joħloq għarbiel artifiċjali, ħalli l-qorti ma tistħarriġx il-mertu tal-każ. Wara kollox, is-sejbien minn qorti li persuna hija kontradittur leġittimu mhijiex lanqas konklużjoni definittiva li tali persuna hija l-ħatja jew li b'hekk stqarret il-ħtija. Hekk ukoll, id-dikjarazzjoni ta' qorti li parti f'kawża tkun kontradittur leġittimu ma tfisser bl-ebda mod li dik il-qorti ma tistax, meta tqis l-eċċezzjonijiet ta' dik il-parti u wara li tkun semgħet it-trattazzjoni tal-każ fil-mertu, aktar 'il quddiem tasal għall-fehma li dik il-parti ma kellha xi twieġeb xejn għall-allegazzjonijiet li saru kontriha mill-parti attriċi (ara ***Frankie Refalo et v. Jason Azzopardi et***, Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001 u ***Graziella Attard et v. Khaled Barkat Zaky Ahmed Abdelrazek et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 29 ta' Marzu, 2017);

21. Fil-każ tagħna n-negozjati dwar il-bejgħ tal-vettura inkwistjoni saru bejn l-attur Adrian Camenżuli u l-konvenut Mitul Dave. Jidher ukoll li l-attur qiegħed isejjes il-kawża tiegħu fuq it-taħdita li seħħet bejnu u bejn Mitul Dave. Għalhekk, irrispettivament mill-kwistjoni dwar min kien is-sid tal-vettura qabel ma din ġiet mibjugħa lil Marilyn Saliba, jibqa' l-fatt li jekk waqt id-diskursata tad-29 ta' Marzu, 2021 intlaħaq xi ftehim, dan il-ftehim intlaħaq bejn l-attur u l-konvenut Dave. Bla dubju ta' xejn, minħabba d-diskursata li seħħet bejn Adrian Camenżuli u Mitul Dave fid-29 ta' Marzu, 2021, dan tal-aħħar kellu sehem prinċipali fil-ġrajja li allegatament ħolqot ir-relazzjonijiet ġuridika ta' bejn il-partijiet. Dan għaliex mill-provi joħroġ biċ-ċar li ma kien ħadd ħlief Mitul Dave li daħal f'negozjati mal-attur dwar il-bejgħ tal-vettura;

22. Terġa' u tgħid, mill-provi jirriżulta li waqt id-diskursata li seħħet fid-29 ta' Marzu, 2021, Mitul Dave għarraf lill-attur li huwa kien is-sid taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura inkwistjoni. Ħareġ iżda li dan ma kienx minnu għaliex fil-fatt din il-vettura qatt ma kienet reġistrata fuq ismu iżda fuq isem il-kumpannija konvenuta (ara ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni f'paġna 58 u 59 tal-atti tal-kawża). Kemm hu hekk, fl-affidavit tiegħu, kien

Mitul Dave stess li stqarr li huwa wettaq żball meta ta x'jifhem lill-attur li huwa kien is-sid taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura (ara l-affidavit tiegħu f'paġna 39 tal-atti tal-kawża);

23. Meqjus dan kollu, il-qorti ma tistax tlum lill-attur talli fetaħ din il-kawża wkoll kontra Mitul Dave. Wara kollox, kien il-konvenut Mitul Dave stess li tah l-impressjoni li huwa kien is-sid tal-vettura inkwistjoni, u li huwa kien sejjer ikollu bżonn il-firma tal-istess konvenut sabiex, għal skopijiet ta' reġistrazzjoni ma' Transport Malta, huwa jkun jista' jdawwar il-vettura fuq ismu. Minbarra dan, fid-difiża tagħhom, preċiżament fil-ħames eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti qegħdin jisħqu li biex jiġi mwettaq il-bejgħ ta' vettura hemm meħtieġa l-firma tas-sid fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura. Għalhekk, meqjusa din id-difiża tal-konvenuti flimkien mal-impressjoni li Mitul Dave ta lill-attur dwar is-sjieda taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni waqt in-negozjati, din il-qorti ssib li l-konvenuti żgur ma jistgħux jgħidu li Mitul Dave mhuwiex kontadittur leġittimu għat-talbiet tal-attur;

24. B'daqshekk il-qorti mhijiex qiegħda tgħid li din id-difiża tal-konvenuti hija waħda tajba. Lanqas qiegħda tgħid li l-ftehim bejn l-attur u Mitul Dave dwar il-bejgħ tal-vettura ntlaħaq u li l-konvenut Dave għandu jwieġeb għal dak li qiegħed jallega fil-konfront tiegħu l-attur. Dik hija kwistjoni li teħtieġ stħarriġ aktar fil-fond, liema stħarriġ sejjer isir aktar 'il quddiem f'din is-sentenza. Dak li qiegħda tgħid din il-qorti hawnhekk huwa biss li l-konvenuti ma jistgħux *a priori* jwaqqfu l-azzjoni kif miftuħa kontra Mitul Dave, bis-saħħa ta' eċċezzjoni preliminari, billi jgħidu li l-vettura mertu ta' din il-kawża ma kinitx tiegħu, ladarba kien huwa stess li nnegozja l-bejgħ tal-vettura u ta x'jifhem li huwa kien is-sid taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-istess vettura waqt dawn in-negozjati. F'dan l-istadju l-qorti għalhekk ma tistax teħles lil Mitul Dave mill-ħarsien ta' dan il-ġudizzju u għaldaqstant, it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti qiegħda tiġi miċħuda;

25. Illi qorti sejra issa tgħaddi billi tqis il-**<u>ħames eċċezzjoni</u>** tal-konvenuti għaliex din hija marbuta mal-formalitajiet meħtieġa biex isir il-bejgħ tal-vettura. F'dan il-każ, il-konvenuti jisħqu li dawn il-formalitajiet ma ġewx milħuqa għaliex skonthom vettura ma tistax

titqies mibjugħa ħlief meta jiġi ffirmat iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura u jiġi reġistrat il-bejgħ mal-Awtorità Għat-Transport Malta;

26. L-**artikolu 1347 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jitkellem dwar il-kuntratt ta' bejgħ, jaqra hekk:

> *«Il-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz; u minn dak il-ħin il-ħaġa nfisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej.»*

27. Minn qari ta' dan l-artikolu wieħed jifhem li l-elementi tal-kuntratt ta' bejgħ ta' ħwejjeġ mobbli huma tnejn: (i) il-ftehim bejn il-bejjiegħ u x-xerrej dwar l-oġġett; u (ii) il-ftehim bejn il-bejjiegħ u x-xerrej dwar il-prezz li jrid jitħallas mix-xerrej biex l-oġġett jiġi mgħoddi lilu. Hekk kif jiġu sodisfatti dawn iż-żewġ elementi, il-bejgħ ta' oġġett mobbli jitqies li ġie mwettaq (ara ***Fogg Insurance Agencies Limited nomine v. Pierre Carabott***, Appell Inferjuri, 19 ta' Mejju, 2004). Dan iseħħ kemm jekk l-oġġett ma jkunx ingħata f'idejn ix-xerrej u kif ukoll jekk ma jkunx għadu tħallas il-prezz tal-oġġett maqbul (ara ***John Camilleri v. Philip Attard***, Appell Superjuri, 27 ta' Ġunju, 2014);

28. Dan kollu jgħodd ukoll meta l-oġġett imqiegħed għall-bejgħ tkun vettura. Minn dak il-ħin li jsir il-ftehim dwar il-vettura u l-prezz tal-bejgħ tagħha, il-vettura tgħaddi fil-proprjetà tax-xerrej u għar-riskju tiegħu. B'hekk, minn dak il-ħin tal-ftehim, il-bejgħ jitqies perfezzjonat (ara ***Cranes & Commercials Sales Limited v. Lawrence Micallef***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 17 ta' Novembru, 2003 u ***Sydney Ellul Sullivan noe v. David Jones et nomine***, Appell Superjuri, 26 ta' Mejju, 2017);

29. Fil-passat, l-**Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti (Kap 294 tal-Liġijiet ta' Malta)**, li daħal fis-seħħ permezz tal-**Att XXXI tal-1981** u li llum jinsab abrogat, kien jgħid espressament fl-**ewwel sub-inċiż** tal-**artikolu 40** tiegħu li,

> *«Bla ħsara għal kull liġi li tippreskrivi att pubbliku, kull trasferiment li għalih japplikaw l-artikoli 38 u 39 ta' dan l-Att, taħt piena tan-nullità, għandu jsir bil-miktub.»* (ara ***Montebello Enterprises Limited v. Joseph Cutajar et***, Appell Superjuri, 26 ta' Jannar, 2007);

30. Issa l-**artikolu 39 tal-Kap 294**, hawn fuq imsemmi, kien jitkellem sewwasew dwar it-taxxa li kellha titħallas fuq kull dokument li fih xi karozza bil-mutur tiġi trasferita, u għalhekk dan ifisser li sakemm kienet fis-seħħ dik il-liġi, it-trasferiment ta' karozza bil-mutur kellu jsir bil-miktub taħt il-piena tan-nullità. Madankollu, l-**Att XXXI tal-1981** ġie mibdul bl-**Att XVII tal-1993**, *viz.* l-**Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti** (**Kap 364 tal-Liġijiet ta' Malta**), u fih tneħħiet il-ħtieġa li t-trasferiment ta' karozzi bil-mutur issir bil-mitkub (ara ***John Buġeja et v. Albert Sacco et***, Appell Superjuri, 11 ta' Marzu, 2003);

31. Kemm hu hekk, ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Kevin Buttiġieġ v. Savior Sammut***, li ġiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Mejju, 2004, li,

> *«Il-liġi tfisser b'mod ċar meta u kif iseħħ il-kuntratt ta' bejgħ (Art. 1347 tal-Kap. 16), magħdud dak ta' ħaġa mobbli. Il-liġi tirrikjedi biss qbil bejn il-partijiet dwar il-ħaġa u l-prezz li jkun suġġett għall-kuntratt, u ma jidhirx li wieħed għadu jista' jinsisti li, f'każ ta' bejgħ ta' vettura mekkanizzata, jeħtieġ il-ftehim miktub bħala element kostitutiv tal-kuntratt ta' bejgħ u xiri (Ara. P.A. PS 17.11.2003 fil-kawża fl-ismijiet **Cranes & Commercial Sales Ltd. vs Lawrence Micallef**), kif kien dejjem miżmum mill-qrati tagħna sa xi żmien ilu b'mod sagramentali»*

32. Dan kollu meqjus, kuntrarjament għal dak li jisħqu l-konvenuti fl-eċċezzjoni tagħhom, ma hemm l-ebda ħtieġa li jiġi ffirmat iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura jew li l-bejgħ tagħha jiġi reġistrat mal-Awtorità Għat-Trasport f'Malta sabiex il-bejgħ jitqies komplut. Kif jipprovdi l-**artikolu 26 tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta**, jekk vettura tinbiegħ u dak li jkun ma jagħtix avviż lill-awtorità kompetenti ta' dak il-bejgħ jew trasferiment, il-persuna li fuqha kienet reġistrata l-vettura, għad li jkun sar dak il-bejgħ jew trasferiment, *«tibqa' suġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza bħala sid jew wieħed mis-sidien tal-vettura»*;

33. In-nuqqas ta' reġistrazzjoni ma jfissirx li l-proprjetà fil-vettura ma tkunx għaddiet għand ħaddieħor. Nuqqas bħal dan iżomm lill-persuna, li fuqha kienet l-aħħar reġistrata l-vettura, responsabbli għad-dispożizzjonijiet ta' dik il-liġi; iżda mhux għal aktar minn hekk. Tassew, ir-reġistrazzjoni u l-liċenzja jistgħu jkunu elementi ta' prova biex jiġi determinat min huwa s-sid ta' vettura iżda mhumiex prova esklussiva (ara ***Michael Micallef v. Louis Mamo et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Marzu, 2010 u ***Gernazio Azzopardi v. Carmelo Bezzina et***, Appell Superjuri, 29 ta' Novembru, 2013);

34. Dan kollu ġie kkonfermat mir-rappreżentant tal-Awtorità Għat-Trasport f'Malta, Brian Farruġia, li waqt ix-xiehda tiegħu (ara paġna 140 tal-atti tal-kawża) fisser li fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' vettura jkun hemm spjegat li min ikun reġistrat bħala s-sid fuq dan iċ-ċertifikat mhux bilfors ikun fil-fatt is-sid tal-vettura (ara wkoll f'dan is-sens iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura mertu ta' din il-kawża f'paġna 59 tal-atti tal-kawża), iżda għall-Awtorità hija l-persuna li tkun reġistrata bħala s-sid fuq l-imsemmi ċertifikat li jkollha r-responsabbiltà għall-vettura. Jiġifieri anke jekk ikun sar il-bejgħ, sakemm is-sid il-ġdid tal-vettura ma jkunx ġie reġistrat mal-Awtorità, huwa s-sid ta' qabel (i.e. il-bejjiegħ) li jibqa' responsabbli għall-vettura f'għajnejn l-Awtorità. Madankollu, dan ma jfissirx li l-bejgħ tal-vettura ma jkunx sar jew li s-sid attwali tal-vettura ma jkunx inbidel;

35. Fid-dawl ta' dan kollu, darba li ma hemm l-ebda ħtieġa li jiġi ffirmat iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura jew li l-bejgħ tagħha jiġi reġistrat mal-Awtorità Għat-Trasport f'Malta sabiex il-bejgħ jitqies komplut, din il-qorti qiegħda tiċħad il-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti;

36. Madankollu, din il-qorti ma tistax ma tirrimarkax li forsi wasal iż-żmien li l-leġislatur iqis jekk jagħmilx aktar sens li l-kuntratt tal-bejgħ u tat-trasferiment ta' vetturi jerġa' jibda jsir bil-miktub, bħal kif kien meħtieġ bil-liġi fil-passat. Tassew, forsi huwa għaqli li l-leġislatur jaħsibha sew jekk huwiex fl-interess pubbliku, kemm biex tinkiseb iċ-ċertezza legali tal-kuntratt ta' bejgħ f'ċirkostanzi bħal dawn u kif ukoll biex jiġu evitati l-kawżi fil-

qrati tagħna, li l-**Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** (forsi l-**artikolu 1233(1)**) tiegħu jiġi emendat biex fih tiddaħħal il-ħtieġa li t-trasferimenti ta' mezzi ta' trasport jsiru permezz ta' kitba privata. Wara kollox, li kieku fil-liġi tagħna kien hemm dan ir-rekwiżit, kawża bħal din tal-lum ma kinitx issir ladarba l-partijiet f'din il-kawża għoġobhom jinnegozjaw il-bejgħ tal-vettura inkwistjoni bil-fomm biss u m'għamlu xejn bil-miktub bejniethom;

37. Din il-qorti għalhekk sejra tikkomunika din is-sentenza lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, lill-Ministru għall-Ġustizzja u lill-Avukat tal-Istat sabiex jistudjaw jekk hemmx bżonn li jsiru xi tibdiliet fil-liġi;

38. Ngħaddu issa biex inqisu r-**<u>raba' eċċezzjoni</u>** tal-konvenuti fejn huma jisħqu li bejn Adrian Camenżuli u Mitul Dave kien hemm biss diskussjoni dwar il-possibiltà li tinbiegħ il-vettura inkwistjoni u qatt ma kien hemm qbil bejniethom dwar il-bejgħ tal-istess vettura għaliex Mitul Dave kien spjega biċ-ċar lill-attur li l-bejgħ seta' jsir biss wara li jiġi awtorizzat b'riżoluzzjoni tal-bord tad-diretturi tal-kumpannija konvenuta;

39. Min-naħa tiegħu, l-attur Adrian Camenżuli jsostni li l-bejgħ tal-vettura inkwisjoni ġie mwettaq għaliex hu u l-konvenut Mitul Dave kienu laħqu qbil kemm dwar il-vettura u kif ukoll dwar il-prezz li kien sejjer iħallas l-attur biex jixtriha;

40. Kif ingħad qabel, Adrian Camenżuli u Mitul Dave m'għandhom xejn bil-miktub bejniethom iżda nnegozjaw biss fil-fomm. Għalkemm il-liġi ma żżommx lill-partijiet milli jwettqu ftehim bil-fomm, il-partijiet jagħtu żewġ verżjonijiet li ma jaqblux dwar in-natura tar-relazzjoni li kien hemm bejniethom. Għalhekk, fin-nuqqas ta' ftehim bil-miktub jeħtieġ li l-ġudikant jiddetermina n-natura tan-negozju u tal-ftehim bejn il-partijiet fuq is-saħħa tal-provi mressqa (ara ***Attrans Commercials Limited v. Ivan Abela et***, Appell Superjuri, 30 ta' Settembru, 2016);

41. B'xorti tajba, id-diskursata li seħħet bejn Adrian Camenżuli u Mitul Dave tinsab reġistrata permezz ta' filmat tat-tip CCTV, u ġiet imressqa bħala prova fl-atti ta' din il-

kawża (ara d-disk kumpatt f'paġna 36 tal-atti tal-kawża). B'hekk, il-qorti kellha x-xorti tara u tisma' x'kien eżatt il-kliem li ġie użat f'din it-taħdita;

42. Minn dan il-filmat jirriżulta li Adrian Camenżuli kien sab il-bejgħ ta' din il-vettura għall-prezz ta' €18,000. Skont dak li huwa għarraf lil Mitul Dave waqt id-diskursata, il-persuna li kienet interessata tixtri l-vettura *Range Rover Evoque* kienet lesta li titla' għall-prezz massimu ta' €20,000;

43. Mill-imġiba tiegħu, Mitul Dave deher li huwa ma kienx kuntent għalkollox bil-prezz ta' €20,000 u għalhekk huwa talab lil Adrian Camenżuli jagħtih ċans biex jitkellem mal-kontabbli *(accountant)* tal-kumpannija konvenuta bil-għan li jieħu parir mingħandu u jiddetermina kemm kien sejjer ikun it-telf li kienet sejra ġġarrab l-istess kumpannija jekk il-vettura inkwistjoni tinbiegħ għall-prezz ta' €20,000. Fil-fatt huwa warrab ftit għall-ġenb u deher jitkellem ma' xi ħadd fuq iċ-ċellulari tiegħu. Hekk kif reġa' qam biex ikellem lil Adrian Camenżuli, it-taħdita li segwiet bejniethom kienet din:

«**Adrian Camenżuli:** *It's done?*

**Mitul Dave**: *Yes.*

**Adrian Camenżuli:** *Where is the original logbook?*

**Mitul Dave:** *<u>I'll tell you what I need, because first I need to prepare a board resolution.</u>*

**Adrian Camenżuli:** *<u>Yes, I need the board resolution</u>, I need the original logbook and I need the signature from the owner of the logbook.*

**Mitul Dave:** *Owner of the logbook is me.*

**Adrian Camenżuli:** *Mela you. And a copy of your ID Card.*

**Mitul Dave:** *And I need from you the exact name of the buyer.*

**Adrian Camenżuli:** *You can put it on my name. Take the card.*

**Mitul Dave:** *You're the buyer?*

**Adrian Camenżuli:** *No, but I'll make the transfer again on him because he cannot be here.*

**Mitul Dave:** *But right now I'll do the transfer on your name. You will do the payment directly?*

**Adrian Camenżuli:** *I will do the payment directly. I will give you the logbook, transfer my name and everything.*

**Mitul Dave:** *I cannot accept cash.*

**Adrian Camenżuli:** *No problem, whatever.*

**Mitul Dave:** *Only bank transfer.*

**Adrian Camenżuli:** *Only bank transfer. I'll do the bank transfer today.*

**Mitul Dave:** *Ok. Let me go home pick up the stuff...*(kliem ma jinftehimx)*...20.*

**Adrian Camenżuli:** *Yes, 20. Done.*

**Mitul Dave:** *Thank you.»*

44. Skont l-**artikolu 960 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-kuntratt huwa konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew iżjed, illi bih tiġi magħmula, regolata, jew maħlula obbligazzjoni. Din id-definizzjoni twassalna biex nifhmu li biex wieħed jara jekk ikunx sar ftehim li jorbot, jeħtieġ li jiġi eżaminat u stabbilit jekk ikunx hemm l-*idem placitum consensus*, jiġifieri r-rieda taż-żewġ partijiet. Dan huwa wieħed mill-elementi meħtieġa sabiex legalment iseħħ kuntratt jew ftehim bejn il-partijiet. Mingħajr dan l-element ir-rabta kuntrattwali ma tinħoloqx (ara ***Joseph Dalli et v. Mediterranean Film Studios Limited***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 11 ta' Ottubru, 2006 u ***Salvu Spiteri et v. Grazia sive Cetta xebba Grima***, Appell Superjuri, 18 ta' Lulju, 2014);

45. Mid-diskursata hawn fuq riprodotta, il-qorti qiegħda tifhem li Adrian Camenżuli tassew aċċetta li jixtri l-vettura tat-tip *Range Rover Evoque* mingħand Mitul Dave bil-prezz ta' €20,000 filwaqt li Mitul Dave aċċetta li jbiegħlu din il-vettura għal dak il-prezz; għalkemm minn kliem Camenżuli mhuwiex għalkollox ċar jekk huwa kienx qiegħed

jixtri f'ismu jew f'isem ħaddieħor. Madankollu, din l-aċċettazzjoni tal-partijiet kienet suġġetta għall-kundizzjoni li l-kumpannija konvenuta tgħaddi riżoluzzjoni li permezz tagħha tawtorizza lil Mitul Dave biex ibiegħ il-vettura għall-prezz imsemmi. Jidher li Adrian Camenżuli wkoll għaraf li r-riżoluzzjoni tal-kumpannija konvenuta kienet meħtieġa biex isir il-bejgħ għaliex kien huwa stess li talab lil Mitul Dave jgħaddilu din ir-riżoluzzjoni, probabbilment bil-ħsieb li jivverifika li Mitul Dave tassew kien awtorizzat biex ibiegħ il-karozza;

46. Tassew, l-imġiba ta' Adrian Camenżuli hija xiehda tal-liberalità tal-kuntratti li tagħti lill-partijiet iċ-ċans li jaraw l-affarijiet tagħhom sewwa qabel jingħaqdu fi ftehim (ara f'dan is-sens ***Giuseppe Schembri et v. Leonardo Schembri et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 9 ta' Frar, 1965 u ***Stefan Mifsud et v. Perit Arkitett Joseph Grech et***, Appell Superjuri, 25 ta' Marzu, 2011);

47. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, Adrian Camenżuli jagħmel referenza għall-klawsola 9 tal-memorandum tal-assoċjazzjoni tal-kumpannija konvenuta, u jisħaq li Mitul Dave, bħala direttur tagħha, seta' jaġixxi waħdu biex ibiegħlu l-karozza inkwistjoni. Il-qorti tqis li huwa minnu li skont din il-klawsola Mitul Dave kellu r-rappreżentanza tal-kumpannija konvenuta u seta' jaġixxi f'isimha waħdu. Madankollu, skont il-klawsola 60 tal-artikoli tal-assoċjazzjoni tal-kumpannija konvenuta, deċiżjonijiet dwar obbligazzjonijiet kuntrattwali li l-valur tagħhom jaqbeż il-€5,000, kellhom jittieħdu mill-azzjonisti fil-laqgħa ġenerali tal-kumpannija konvenuta;

48. Huwa minnu li skont il-ġurisprudenza kumpannija hija marbuta bl-azzjonijiet ta' direttur, li għandu r-rappreżentanza tagħha fil-konfront ta' terzi, irrispettivament minn jekk huwa jkunx ġie awtorizzat minnha biex iwettaq xi azzjoni partikolari (ara f'dan is-sens ***Edwin Żammit et v. Group 9 Ltd. et***, Appell Superjuri, 16 ta' Frar, 2004 u ***Robert Desira Buttiġieġ v. Bay Street Holdings Limited***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 16 ta' Frar, 2004);

49. Kemm hu hekk, l-awtur **Andrew Muscat** fil-opra tiegħu, ***Principles of Maltese Company Law***, it-tielet volum, f'paġna 1134, jgħid hekk:

> *«It should be emphasized that although a director may, in terms of the memorandum of association, be vested with the representation of the company (and that the company would be bound by transactions concluded on its behalf by the director), this does not mean, insofar as his internal relationship with the company is concerned, that he would be able to transact business on the company's behalf without the authorisation of the board. An act done by a director without authorisation from the board may constitute a breach by the director of his duties.»*

50. Madankollu, fil-każ tagħna huwa ċar li Adrian Camenżuli kien jaf li kienet meħtieġa r-riżoluzzjoni tal-kumpannija biex jitwettaq il-bejgħ tal-vettura, tant li kien huwa stess li talab lil Mitul Dave biex jaraha. Għalhekk, huwa ma jistax jinħeba wara subgħajh billi jgħid li l-bejgħ tal-vettura mertu ta' din il-kawża ġie mitmum minħabba li Mitul Dave kellu r-rappreżentanza tal-kumpannija konvenuta meta sar il-ftehim. Kif ingħad aktar 'il fuq, din il-qorti mhijiex qiegħda tmeri l-fatt li fid-29 ta' Marzu, 2021 kien tassew intlaħaq ftehim bejn l-attur u l-konvenut Dave sabiex isir il-bejgħ tal-vettura tal-għamla *Range Rover Evoque* għall-prezz ta' €20,000. Li qed tgħid il-qorti hu li ħareġ ċar mill-provi li dan il-ftehim kien suġġett għall-awtorizzazzjoni tal-kumpannija konvenuta permezz ta' riżoluzzjoni tal-azzjonisti magħmula waqt laqgħa ġenerali;

51. Il-mistoqsija li jmiss li trid twieġeb il-qorti hija din: jekk din ir-riżoluzzjoni kienet tiddependi biss mir-rieda ta' Mitul Dave? Jekk it-tweġiba hija iva, allura nistgħu ngħidu li l-bejgħ twettaq mal-mument li Mitul aċċetta li jbiegħ il-vettura għal €20,000. Dan hu hekk għaliex mhux sew li Mitul Dave jinħall mir-rabta li daħal fiha mal-attur, jekk kemm-il darba l-ħruġ tar-riżoluzzjoni kienet tiddependi minnu biss;

52. Għalkemm huwa veru li bil-liġi, kumpannija kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membri tagħha (ara **artikolu 4(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji**), madankollu kif tajjeb ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Supermarkets (1960) Limited v. Le Cram Developments Co. Ltd*** deċiża fit-22 ta'

Ottubru, 2002, l-hekk imsejjah «*corporate veil*» huwa appuntu velu u mhux xi purtiera tal-ħadid li warajh tista' taħbi u tnessi kwalunkwe operat. Tassew, inkunu qegħdin nidħku bina nfusna li kieku kellu jiġi aċċettat li l-bejgħ tal-vettura f'dan il-każ kien jorbot biss jekk tiġi sodisfatta kundizzjoni li tiddependi biss mir-rieda tal-konvenut Dave;

53. Min-naħa l-oħra, hija storja oħra jekk ir-riżoluzzjoni ma kinitx tiddependi minn Mitul Dave iżda kienet tiddependi minn ħaddieħor;

54. Naraw mela min kellu s-setgħa f'dan il-każ li joħroġ ir-riżoluzzjoni biex setgħet tinbiegħ il-vettura;

55. Skont il-memorandum tal-assoċjazzjoni tal-kumpannija konvenuta, il-kumpannija konvenuta għandha żewġ azzjonisti: (i) Alpharize Holdings Limited, li għandha 1,199 ishma; u (ii) Bakul Bharatkumar Dave, li għandu biss sehem wieħed (ara paġna 68 tal-atti tal-kawża). Biex tittieħed riżoluzzjoni skont il-klawsoli 57 u 58 tal-artikoli tal-assoċjazzjoni tal-kumpannija konvenuta (ara paġni 79 u 80 tal-atti tal-kawża), ħalli b'hekk jiġi awtorizzat il-bejgħ tal-vettura inkwistjoni, kien meħtieġ bilfors il-vot ta' Alpharize Holdings Limited, peress li din għadha l-maġġoranza assoluta tal-ishma. Matul l-istadju tal-provi, il-partijiet ma ressqu l-ebda prova dwar min huwa s-sid jew min għandu r-rappreżentanza ta' Alpharize Holdings Limited, u għalhekk din il-qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li t-teħid ta' din ir-riżoluzzjoni kien jiddependi biss mir-rieda ta' Mitul Dave. Lanqas tressqet xi prova dwar jekk kienx ittieħed xi vot mill-azzjonisti tal-kumpannija konvenuta biex jiġi awtorizzat il-bejgħ tal-vettura inkwistjoni lil Adrian Camenżuli;

56. Kienet x'kienet ir-raġuni, din ir-riżoluzzjoni biex jitwettaq il-ftehim li ntlaħaq bejn Adrian Camenżuli u Mitul Dave baqgħet ma saritx u fil-fatt l-unika riżoluzzjoni li saret mill-kumpannija konvenuta kienet dik tal-5 ta' April, 2021 fejn Mitul Dave ġie awtorizzat jeżegwixxi l-bejgħ tal-vettura msemmija lil Marilyn Saliba (ara paġna 60 tal-atti tal-kawża);

57. Għalhekk, darba li l-bejgħ tal-vettura inkwistjoni kien suġġett għall-awtorizzazzjoni tal-kumpannija konvenuta mogħtija b'riżoluzzjoni tal-azzjonisti waqt laqgħa ġenerali, u darba wkoll li din l-awtorizzazzjoni baqgħet ma ngħatatx, din il-qorti qiegħda tilqa' f'dan is-sens ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti, filwaqt li qiegħda tiċħad it-talbiet kollha tal-attur;

58. Fuq nota tal-aħħar, il-qorti ma tistax ma tikkumentax dwar il-fatt li Mitul Dave kien imissu qagħad aktar attent f'dak li qal waqt id-diskursata tad-29 ta' Marzu, 2021 u kien imissu għamilha ċara ma' Adrian Camenżuli li l-awtorizzazzjoni għall-bejgħ tal-vettura mill-kumpannija konvenuta ma kinitx tiddependi mir-rieda tiegħu. Minflok għamel hekk, huwa pinġa stampa għalkollox differenti lill-attur, tant li fi kliemu, huwa kien sejjer jipprepara r-riżoluzzjoni msemmija huwa stess;

59. Sfiq ma' dan, il-qorti tinnota wkoll li Mitul Dave qal li wara t-taħdita tad-29 ta' Marzu, 2021 ma' Adrian Camenżuli dwar il-bejgħ tal-vettura inkwistjoni, huwa ħareġ mill-uffiċċju tal-attur bil-ħsieb, li bħala direttur tal-kumpannija konvenuta, jagħtiha parir biex ma tbigħx il-vettura lil Adrian Camenżuli (ara l-affidavit tiegħu f'paġna 40 tal-atti tal-kawża). Din il-qorti ma hija impressjonata xejn b'din l-istqarrija ta' Mitul Dave għaliex jekk huwa ma kienx konvint mill-prezz ta' €20,000 li kien offrielu u ftiehem miegħu dwaru l-attur, huwa ma kienx imissu qabel mal-bejgħ, u dan irrispettivament mill-fatt li huwa kien għadu jrid jirċievi l-awtorizzazzjoni tal-kumpannija konvenuta biex isir il-bejgħ;

60. Huwa prinċipju fundamentali u magħruf li l-kuntratti għandhom jiġu mwettqa b'rieda tajba u jobbligaw mhux biss dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha tali obbligazzjoni (ara l-**artikolu 993 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, u s-sentenza ***Joseph Żammit et v. Nazzareno Farruġia et***, Appell Superjuri, 24 ta' Novembru, 2017). B'sogħba, il-qorti jkollha tirrimarka li bl-aġir tiegħu, il-konvenut Mitul Dave ma kienx qiegħed jinnegozja ma' Adrian Camenżuli għal kollox b'rieda tajba u għalhekk hija sejra tipprovdi dwar dan fil-kap tal-ispejjeż;

61. Kemm hu hekk, il-qorti hija tal-fehma li kull waħda mill-partijiet għandha tbati l-ispejjeż tagħha marbuta ma' din il-kawża. Il-qorti qiegħda tasal għal din id-deċiżjoni għaliex min-naħa l-waħda, Adrian Camenżuli huwa t-tellief f'din il-kawża u fil-pożizzjoni tiegħu ta' *Tied Insurance Intermediary* l-aġir tiegħu li jittenta jagħmel qligħ ta' €16,000 minn fuq dahar klijent tiegħu mhuwiex wieħed xieraq, anzi huwa wieħed li din il-qorti tħares lejh b'ċertu stmerrija;

62. Min-naħa l-oħra, il-konvenuti ma kellhomx raġun dwar żewġ eċċezzjonijiet li huma ressqu; filwaqt li Mitul Dave, (i) ma kienx imissu webbel lill-attur li huwa kien s-sid taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura inkwistjoni; (ii) kien imissu kien aktar ċar fi kliemu billi għarraf lill-attur li t-teħid ta' riżoluzzjoni mill-kumpannija konvenuta sabiex jiġi awtorizzat il-bejgħ ma kienx jiddependi mir-rieda tiegħu; u (iii) ma kienx imissu ftiehem mal-attur dwar il-prezz tal-vettura jekk tassew (għalkemm din il-qorti ma tantx tniżżilha) huwa kellu l-ħsieb li jagħti parir lill-kumpannija konvenuta biex ma tbiegħx il-vettura lill-attur;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **Tiċħad** it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti għaliex Adrian Camenżuli mexa sew meta fetaħ din il-kawża wkoll kontra Mitul Dave;

ii. **Tiċħad** il-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti għaliex ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jiġi ffirmat iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ARM 101 jew li l-bejgħ tagħha jiġi reġistrat mal-Awtorità Għat-Trasport f'Malta sabiex dan jitqies komplut; u

iii. **<u>Tilqa’</u>** r-raba’ eċċezzjoni tal-konvenuti u b’hekk **<u>tiċħad</u>** it-talbiet kollha tal-attur Adrian Camenżuli għaliex il-bejgħ tal-vettura inkwistjoni kien suġġett għall-kundizzjoni li tinġieb riżoluzzjoni tal-azzjonisti ta’ Alpharize Management Limited, liema riżoluzzjoni baqgħet ma ngħatatx;

Għar-raġunijiet fuq imsemmija l-ispejjeż tal-kawża għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet;

Kopja ta’ din id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata, bi spejjeż għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, lill-Ministru għall-Ġustizzja u lill-Avukat tal-Istat sabiex iqisu jekk hemmx lok li jkun hemm tibdil fil-liġi biex tiddaħħal il-ħtieġa ta’ kitba privata meta jsir it-trasferiment ta’ mezzi ta’ trasport.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**